



Ġabra tal-ġurisprudenza

Sentenza tal-Qorti Ġenerali (Ir-Raba' Awla) tas-27 ta' Settembru 2017 – BelTechExport vs Il-Kunsill

(Kawża T-765/15)

“Politika estera u ta’ sigurtà komuni – Miżuri restrittivi meħuda kontra l-Bjelorussja – Iffriżar ta’ fondi – Sospesjoni tal-miżuri – Obbligu ta’ motivazzjoni – Drittijiet tad-difiża – Dritt għal smigħ – Żball ta’ evalwazzjoni”

1. *Rikors għal annullament – Interess ġuridiku – Interess li jiġi stmat fid-data tal-preżentata tar-rikors – Rikors ippreżentat kontra att li jimponi miżuri restrittivi fir-rigward tar-rikorrent – Sospensjoni temporanja tal-applikazzjoni ta’ atti kkontestati fil-mori tal-kawża – Dikjarazzjoni li ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni – Inammissibbiltà – Żamma tal-interess tar-rikorrent li jikseb ir-rikonoxximent tal-illegalità tal-att ikkontestat*

(Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/1957/PESK; Regolament tal-Kunsill 2015/1948)

(ara l-punti 27-31)

2. *Atti tal-istituzzjonijiet – Motivazzjoni – Obbligu – Portata – Miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja – Iffriżar ta’ fondi ta’ ċerti persuni u entitajiet fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Bjelorussja – Rekwiżiti minimi*

(Artikolu 296 TFUE; Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 41(2)(ċ); Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/1957/PESK; Regolament tal-Kunsill 2015/1948)

(ara l-punti 42-44)

3. *Rikors għal annullament – Motivi – Nuqqas jew insuffiċjenza ta’ motivazzjoni – Motiv distint minn dak li jirrigwarda l-legalità fuq il-mertu*

(Artikoli 263 TFUE u 296 TFUE)

(ara l-punt 51)

4. *Politika estera u ta’ sigurtà komuni – Miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja – Iffriżar ta’ fondi – Drittijiet tad-difiża – Kommunikazzjoni tal-provi kontra – Deċiżjoni sussegwenti li żammet l-isem tar-rikorrent fil-lista ta’ persuni suġġetti għal dawn il-miżuri – Bażi ta’ din id-deċiżjoni fuq elementi ġodda li ma kinux inklużi fid-deċiżjoni inizjali – Ksur tad-dritt għal smigħ*

(Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 41(2)(a)); Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/1957/PESK; Regolament tal-Kunsill 2015/1948)

(ara l-punti 59, 60)

5. *Unjoni Ewropea – Stħarriġ ġudizzjarju tal-legalità tal-atti tal-istituzzjonijiet – Miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja – Portata tal-istħarriġ*

(Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, Artikolu 47; Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/1957/PESK; Regolament tal-Kunsill 2015/1948)

(ara l-punti 78, 79)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1957 tad-29 ta' Ottubru 2015 li temenda id-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi kontra l-Bjelorussja (ĠU 2015, L 284, p. 149), u tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2015/1948 tad-29 ta' Ottubru 2015 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Belarussja (ĠU 2015, L 284, p. 62), sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lir-rikorrenti.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) BelTechExport ZAO għandha tbatl l-ispejjeż rispettivi tagħha kif ukoll daww sostnuti mill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbatl l-ispejjeż rispettivi tagħha.